



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 45/22
il-Lussemburgu, 15 ta' Marzu 2022

Sentenza fil-Kawża C-302/20
Autorité des marchés financiers

Libertà tal-istampa: żvelar minn ġurnalists ta' informazzjoni minn ġewwa dwar il-pubblikazzjoni imminenti ta' artiklu li jmxexxi xnigħat li jikkonċernaw kumpanniji kkwotati fil-Borża jkun legali meta jkun neċessarju sabiex tkun tista' titwettaq sew attività ta' ġurnaliżmu u osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità

Ġurnalists ippubblika fis-sit internet tad-Daily Mail żewġ artikli li jmxexxu xnigħat dwar il-preżentazzjoni ta' offerti pubbliċi ta' xiri fuq it-titoli ta' Hermès (għal LVMH) u ta' Maurel & Prom. Il-prezzijiet indikati kienu jmorru ferm lil hinn mill-prezzijiet ta' dawn it-titoli fuq Euronext. Din il-pubblikazzjoni żiedet b'mod kunsiderevoli l-prezzijiet ta' dawn it-titoli. Ftit qabel il-pubblikazzjoni tal-artikoli, kienu saru ordnijiet ta' xiri fuq it-titoli inkwistjoni minn ċerti residenti Brittaniċi, li biegħu dawn it-titoli ladarba seħħet din il-pubblikazzjoni. L-Autorité des marchés financiers (AMF) (l-Awtorità Franċiża tas-Swieq Finanzjarji) imponiet fuq il-ġurnalists sanzjoni pekunjarja fl-ammont ta' EUR 40 000 għax kien ħabbar il-pubblikazzjoni imminenti tal-artiklu tiegħu lil dawn ir-residenti Brittaniċi u allura kien ikkomunika lilhom "informazzjoni minn ġewwa".

Adita b'rikors għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) ressqet domanda preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fuq l-abbuż minn informazzjoni minn ġewwa. Fl-ewwel lok, hija xtaqet tkun taf jekk informazzjoni dwar il-pubblikazzjoni imminenti ta' artiklu fl-istampa li jmxexxi xnigħat dwar is-suq jistax jitqies li jkun informazzjoni minn ġewwa, koperta mill-projbizzjoni ta' żvelar ta' tali informazzjoni. Fit-tieni lok, hija għamlet domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-eċċezzjonijiet ta' din il-projbizzjoni fil-kuntest partikolari tal-attività ġurnalistika.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, informazzjoni dwar il-pubblikazzjoni imminenti ta' artiklu fl-istampa li jmxexxi xnigħat dwar is-suq li tikkonċerna l-ħruġ ta' strumenti finanzjarji tista' tikkostitwixxi informazzjoni "ta' natura preċiża", u, allura, taqa' taħt il-kunċett ta' "informazzjoni minn ġewwa", ladarba hija tindika b'mod partikolari l-prezz li bih ikunu ser jinxtraw it-titoli, l-isem tal-ġurnalists li jkun iffirma l-artikolu kif ukoll il-korp tal-istampa li jiżgura l-pubblikazzjoni tiegħu.

Il-komunikazzjoni ta' informazzjoni minn ġewwa għall-fini ta' ġurnaliżmu tista' tkun iġġustifikata, skont id-dritt tal-Unjoni, taħt il-libertà tal-istampa u tal-libertà ta' espressjoni. Il-finijiet ta' ġurnaliżmu jistgħu jinkludu ħidma ta' investigazzjoni preparatorja għall-pubblikazzjoni mwettqa minn ġurnalists sabiex jivverifika l-veraċità tax-xnigħat.

Madankollu, l-iżvelar ta' informazzjoni minn ġewwa minn ġurnalists tkun legali biss meta jitqies neċessarju għall-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu u meta josserva l-prinċipju ta' proporzjonalità. Għandhom ukoll jiġu eżaminati mill-qorti nazzjonali l-kwistjonijiet li ġejjin: minn naħa, huwa neċessarju li l-ġurnalists li jfittex li jivverifika l-veraċità ta' xnigħat dwar is-suq li jiżvela lil terzi, minbarra l-kontenut ta' din ix-xnigħat, il-fatt li artiklu li jmxexxi din l-xnigħat jkun ser jiġi ppubblikat b'mod imminenti? Min-naħa l-oħra, restrizzjoni eventwali għall-libertà tal-istampa kkawżata mill-projbizzjoni ta' tali żvelar tkun eċċessiva, fid-dawl tal-effett potenzjalment dissważiv għall-eżerċizzju tal-attività ġurnalistika kif ukoll tar-regoli u tal-kodiċi li l-ġurnalists huma suġġetti għalihom, meta mqabbla mal-ħsara li tali żvelar jista' jikkawża mhux biss lill-interessi privati ta' ċerti investituri iżda wkoll lill-integrità tas-swieq finanzjarji?

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u s-sommarju](#) tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☐ ☎ (+32) 2 2964106